# Lino Wettinger (1931 - 2012)

**Mis-Sur Owen Bugeja**



Bħalma' ħafna minnkom jafu, din is-sena ħalliena Lino Wettinger, li kien wieħed mill-kittieba regolari ta' dan il-ktieb.

Għal min forsi ma' jafx ħafna dwaru, Lino twieled ġewwa r-raħal fis-17 ta' Mejju, 1931 u għex ħajtu kollha fl-istess dar, dik tal-pjazza. L-hena tiegħu kienet li joqgħod jirrakonta ż-żminijiet ta' tfulitu, fuq kemm kien imqarċaċ u kemm kien iħobb jerħila ma' missieru Frans lejn Baħar iċ-Ċagħaq.



Meta kiber, Lino kien jaħdem bħala gwida f'bosta mużewijiet madwar Malta u minn hemm nibtet in-namra tiegħu lejn l-istorja ta' pajjiżna, kif ukoll dik tar-raħal tagħna. Barra l-istorja, Lino kien ukoll iħobb il-knejjes, l-arti u l-festi. Filfatt kull sajf, konna nżuru bosta festi flimkien u hemm kien jieħu gost joqgħod jispjegali dwar il-pitturi fil-knejjes u anki dwar l-istatwa tal-post.

Ħafna kienu jaħsbu li Lino kien bniedem serju u żorr iżda meta wieħed kien ikellmu, mill-ewwel jinduna li dan mhux minnu! Filfatt huwa kien iħobb ħafna jidħaq u jirrakkonta xi ċajta. Mhux l-ewwel darba li jien u hu konna ngħaddu siegħat sħaħ nidħqu u nogħxew biċ-ċajt li ngħidu lil xulxin!

Lino kien bniedem reliġjuż u kien iħobb ħafna l-knisja. Huwa għamel żmien twil jifforma parti minn diversi għaqdiet fil-Parroċċa sabiex ikun jista' jagħti l-kontribut tiegħu. Fost dawn l-għaqdiet insibu l-Kummissjoni Liturġija, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kummissjoni Familja. Huwa kien ukoll Ministru Straordinarju u sakemm kien għadu jiflaħ sew, kien baqa' jżur il-morda biex iqarbinhom ġewwa djarhom.

Il-Festa tar-raħal kien iħobbha wisq! Kollox kien jogħġbu u kien jattendi l-funzjonijiet kollha bi ħġaru. Waħda mill-aktar affarijiet li kien ikun jistenna huwa l-ħruġ tal-istatwa tal-Patrun tagħna San Bartilmew. Kif kien jarah jitfaċċa fil-bieb u l-kor jibda jkanta l-innu, spiss kienet taqbiżlu xi demgħa bl-emozzjoni.

Din is-sena Lino mhux se jkun qiegħed ħdejja fil-gallarija jistenna lil San Bert ħiereġ biss naf fiċ-ċert illi qiegħed igawdi lil San Bert kuljum u matul il-ġranet tal-festa se jkun qiegħed ifaħħar lill-Qaddis tagħna minn ġewwa l-Ġenna.